**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2002

**Numru 13**

**Avviz. numru 1558/01JR**

**Dingli Company International Limited bhala mandattrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Victor Zammit, President; u John Borg, Segretarju, Birkirkara Football Club**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' sbatax-il lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm17.16) kwantu ghal erbatax-il lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm14.92) royalty, u zewg liri Maltin u erbgha u**

**ghoxrin centezmu (Lm2.24) Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess royalty dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru.8410 (Dok.A) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Birkirkara Football Club, ghall-perijodu mis-6 ta' Lulju, 2001, sal-5 ta' Lulju, 2002.**

**Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' Settembru, 2001, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Josette Attard ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sbatax-il lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm17.16) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta' Lulju, 2001, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-30 ta' Settembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**